**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Simone Grech LL.D.**

**Seduta ta' l-20 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Ismaila Kante**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ismaila Kante ta' 27 sena, u detentur ta' numru tal-Pulizija 11D-083;

Akkuzat talli:

*Talli fid-19 ta' Novembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f' dawn il-gzejjer;*

1. *Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil fid-dokument tal-Identita, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f' isem Ismaila Diallo bin-numru ta' permess ta' residenza taljana I05647358 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta);*
2. *Minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi document, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta).*
3. *Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' sejbien ta' htija tikkunsidra lil hati bhala recediv ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti*

*jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti ipprezentati;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 32(1) (f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet l-ammissjoni tal-istess imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata iz-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 32(1) (f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Ismaila Kante hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija.

**Dr Simone Grech LL.D.**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**